32002E0373

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Mejju 2002
li tirrigwarda kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea lejn ir-rinfurzar tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet tal-Georgia biex jappoġġaw u jipproteġu osservaturi f'missjoni ta' l-OSCE fuq il-fruntieri tal-Georgia mar-Repubbliki ta' l-Ingush u tac-Ċeċnija tal-Federazzjoni Russa

(2002/373/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u partikolarment l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fl- 20 ta' Lulju 2000, il-Kunsill adotta Azzjoni Konġunta 2000/456/PESK li jirrigwarda kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea lejn ir-rinfurzar tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet tal-Georgia biex jappoġġaw u jipproteġu osservaturi f'missjoni ta' l-OSCE fuq il-fruntieri tal-Georgia mar-Repubbliki ta' l-Ingush u tac-Ċeċnija tal-Federazzjoni Russa [1], li skada fil- 31 ta' Diċembru 2000.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2001, il-Kunsill adotta Azzjoni Konġunta 2001/568/PESK [2] dan bil-għan biex jiġi assigurat appoġġ kontinwu ta' l-Unjoni Ewropea lejn stabilità tar-reġjun Kawkasu.

(3) Mit-28 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2001, General Sir Garry Johnson, bħala espert ta' l-Unjoni Ewropea, għamel missjoni ta' stima fejn ikkonkluda li ser ikun hemm bżonn ta' izjed appoġġ mill-UE, jekk il-mandat ta l-OSCE jkun estiż lejn ir-reġjun ta' l-Ingush.

(4) Fit-13 ta' Diċembru 2001, l-OSCE iddeċida biex jestendi l-mandat tal-missjoni ta' l-OSCE f'Georgia għal osservazzjonijiet u rapporti dwar il-moviment minn naħa għal oħra tal-fruntieri bejn Georgia u r-Repubblika ta' l-Ingush tal-Federazzjoni Russa,

GIET ADOTTATA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

1. L-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi assistenza għar-rinfurzar tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet tal-Georgia biex jipprovdu, permezz ta' l-għassiesa tal-fruntieri tagħhom, appoġġ u protezzjoni għal missjoni ta' osservazzjoni ta' l-OSCE fuq il-fruntiera tal-Georgia mar-Repubblika ta' l-Ingush tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll assistenza kontinwa ma' dak li għandu x'jaqsam mal-fruntieri tal-Georgia mar-Repubblika ta' Ċeċnija tal-Federazzjoni Russa.

2. Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-missjoni ta' l-OSCE f'Georgia, u partikolarment għall-operazzjoni ta' osservazzjoni tal-fruntieri, biex ikopri l-ispejjez relatati ma' ċertu apparat.

Artikolu 2

1. Il-missjoni ta' l-OSCE f'Georgia għandha tkun responsabbli għall-akkwist u trasferiment ta' apparat

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim finanzjarju ma' l-OSCE fuq l-użu ta' l-appoġġ finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea, li għandha tieħu l-forma ta' għotja. L-għotja għandha tkopri l-akkwist ta' oġġetti mażgħula mill-OSCE skond il-bzonnijiet ta' l-awtoritajiet tal-Georgia fuq naħat Ingush u Ċeċeni tal-fruntiera tal-Georgia.

3. Il-Kummissjoni, permezz tad-delegazzjoni tagħha f'Tbilisi, għandha żżomm kuntatt viċin ma' l-OSCE biex tkun tista' tosserva u tevalwa l-wassla effettiva u l-użu ta' l-apparat lill-għassiesa tal-fruntiera tal-Georgia.

4. Meta jwettqu dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni għandha tikkopera, kif inhu xieraq, mal-missjonijiet lokali ta' l-Istati Membri.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta fuq l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni ta' l- Kunsill taħt l-awtorità tal-Presidenża, assistit mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, Rappreżentant għoli tal-PESK.

[1] ĠU L 183, tat-22.7.2000, p. 3.
[2] ĠU L 202, tas-27.7.2001, p. 2.

Artikolu 3

1. Ir-referenza finanzjarja ta' l-ammont għall-iskopijiet kif imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun ta' EUR 100 000.

2. L-infiq li huwa finanzjat mill-ammont kif stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri tal-Komunità Ewropeja u mar-regolamenti li huma applikabli għall-*budget*.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol is-seħħ dak inhar meta tiġi adottata. Għandha tiskadi 12 –il xahar wara li jiġi konkluż il-ftehim finanzjarju bejn il-Kummissjoni u l-OSCE.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta ser tiġi ppublikata fil-Ġurnal Ufficjali

Magħmul fi Brussell, fil-21 ta' Mejju 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

R. DE MIGUEL